**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 53/2022 RM**

**Lucas Micallef bħala President għan-nom u in rappreżentanza tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti**

**Carmel sive Lino Farrugia f'ismu proprju u bħala Kap Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti,**

**u**

**Joe Perici Calascione f'ismu propju u bħala eks-President tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti,**

**-Vs-**

**Mark Mifsud Bonnici**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-atturi fir-Reġistru tal-Qorti fit-8 ta' Marzu 2022 fejn talbu illi (1) prevja d-dikjarazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi l-kumment li tella l-intimat fuq is-sit soċjali Facebook li kien jaqra' li issir riserva il-ponta tal-Qawra kien

parti mill-ftehim tal-Gvern meta ingħattaw il-Miżieb u l-Aħrax kemm qegħdin sew! (Dok A1 DOK A2 annessi) liema kumment ittella online bejn il-25 ta' Novembru 2021 u s- 26 ta' Novembru 2022 u kien aċċessibbli għal pubbliku u baqa' viżibbli għal-ġimgħat u xhur sussegwenti, u li tiegħu l-intimat huwa l-awtur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti; (2) prevja li tordna lill-intimat jippubblika korrezzjoni mhux rizervata bl-istess importanza daqs il-pubblikazzjoni originali; (3) tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tistabbilixxi din il-Qorti bħala danni morali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut fit-12 ta' April 2022 fejn ġie eċċepit:-

*Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih għas-segwenti raġunijiet.*

1. *Illi l-kumment de quo mhux libelluż u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent;*

2. *Illi dak li ghandu jiġi stabbilit hu jekk persuna ordinarja u raġjonevoli (an ordinary, reasonable person) tkunx kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata, huwa evidenti li dan mhuwiex il-każ;*

3. *Illi di piu', dejjem mingħajr preġudizzju għall-dak sottomess, dak ippubblikat fl-artikolu de quo jikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' opinjoni li persuna onesta jista' jkollha dwar materja ta' interess pubbliku u għalhekk, koperta taħt l-Artikolu 4(2) tal-istess Att hawn fuq ċitat, aċċetabbli f'soċjeta' demokratika u eżerċizzju tal-liberta' ħielsa tal-espressjoni sanċita, inter alia, kemm mill-Kostruzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

4. *Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, il-kumment in kwistjoni mhuwiex libelluż u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u jeħtieġ li jkun r-rikorrent*

*stess li jipprova li l-artikolu kien defamatorju u kkawża jew setgħa jikkawża ħsara fir-reputtazzjoni tiegħu;*

5. *Salv eċċezjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet tagħha mogħti fil-5 ta' Mejju 2022 fejn bagħtet lill-partijiet biex jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni li kellu jiġi konkluż sa mhux iktar tard minn tliet xhur u dan għall-fini tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama;

Rat l-ordni tagħha tas-7 ta' Lulju 2022 fejn irrevokat id-digriet tal-5 ta' Mejju 2022 u ordnat is-smigħ tal-provi quddiemha biex il-kawża tiġi trattata u deċiża minnha;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hi azzjoni għal malafama. Dan hu evidenti mill-ewwel talba fir-Rikors promotur fejn l-atturi talbu dikjarazzjoni li l-kumment ippubblikat mill-konvenut, mertu ta' din il-kawża, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tagħhom, u mit-tielet talba fejn talbu l-ħlas ta' danni morali a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 579.

Madanakollu, l-atturi talbu wkoll, fit-tieni talba tar-Rikors promotur, li l-konvenut jiġi ordnat "*jippubblika korrezzjoni mhux riżervata bl-istess importanza daqs il-pubblikazzjoni oriġinali*". Dan m'huwiex wieħed mir-rimedji provduti mill-Att dwar

il-Midja u l-Malafama ('l-Att') għal pubblikazzjoni diffamatorja. L-iskop tal-azzjoni tal-malafama hu li jipprovdi rimedju f'danni lill-persuna aggravata għall-ħsara li tkun ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni diffamatorja u l-azzjoni m'hijiex intiża biex tikkorreġi stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati. Lanqas m'hu kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur għandux bżonn jiġi korreġut jew jekk kellux ikun mitkub mod ieħor jew bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata. Jingħad ukoll li s-sodisfazzjon personali tal-persuna aggravata u l-użu tal-azzjoni għal malafama bħala għodda biex tiġi korretta xi stqarrija li hija falza jew mhux skont il-gosti u esiġenzi tal-persuna aggravata, huma mottivi li jmorru lil hinn mill-għan tal-azzjoni għal malafama li m'hijiex intiża biex jiġi deċiż li l-istqarrija impunjata hija falza[1].

L-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara serja kkaġunata lir-reputazzjoni. Fil-fatt, l-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'azzjoni bħal din huwa maħsub għad-determinazzjoni ta' jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persun aggravata, u fl-affermattiv il-likwidazzjoni tad-danni, xejn iktar minn hekk.

Hu manifest li l-atturi fil-kawża odjerna qegħdin iqisu l-pubblikazzjoni tal-konvenut bħala waħda libelluża u malafamanti tant illi kif diġa' ngħad, qegħdin jitlobu l-ħlas ta' danni morali għall-malafama, liema rimedju kif rajna, huwa l-uniku wieħed li tipprovdi l-liġi f'każ ta' eżitu favorevoli għall-persuna aggravata f'kawża ta' libell. M'huwiex apert lill-atturi jitolbu rimedji oħrajn apparti l-ħlas ta' danni, li m'humiex maħsuba espressament mil-liġi bħala rimedju f'azzjoni għal malafama. Dan qed jingħad ukoll għaliex l-azzjoni odjerna m'hijiex waħda mibdija taħt u għall-finijiet tal-artikolu 15 tal-Kap. 579, ċioe' dritt għar-risposta, għaliex l-atturi fir-Rikors promotur u f'ebda stadju tal-proċess, qatt ma pproduċew dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew

[1] Anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verita', deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verita'.

spjegazzjoni li ġie allegat[2] li l-konvenut ġie mitlub jippubblika in linea ta’ korrezzjoni tal-istqarrija impunjata u fiż-żmien stipolat fl-artikolu 15 tal-Att. Barra minn hekk, ma saret ebda referenza għad-dispozizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 15 tal-Att fir-Rikors u fi kwalsiasi każ, jirriżulta li l-Qorti ma ġietx adita bit-talba għall-korrezzjoni entro t-terminu stabbilit fil-paragrafu (f) tal-artikolu 15(2) tal-Att.

Għaldaqstant, il-Qorti fil-parametri ta’ din l-azzjoni kif imfassla, ma tista’ qatt tikkunsidra favorevolment it-tieni talba fir-Rikors promotur għall-pubblikazzjoni ta’ korrezzjoni, u sejra tiċħadha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi filwaqt li l-attur Lucas Micallef istitwixxa din l-azzjoni biss fil-kwalita’ ta’ President għan-nom u in rappreżentanza tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti[3] u mhux f’ismu proprju, l-atturi Carmel sive Lino Farrugia u Joe Perici Calascione ressqu l-azzjoni sija *de proprio* u kif ukoll fil-kwalita’ tagħhom bħala Kap Ezekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-FKNK u bħala eks-President tal-FKNK, rispettivament.

Mix-xhieda ta’ Carmel sive Lino Farrugia, mhux kontradetta, jirriżulta illi l-istatut tal-FKNK jawtorizza lill-President u l-Kap Eżekuttiv tal-FKNK, meta jaġixxu flimkien, li jirrappreżentaw lill-Federazzjoni. Għalhekk, il-Qorti hi sodisfatta li l-FKNK bħala korp hija rappreżentata legalment f’din l-azzjoni mill-attur Lucas Micallef il-President u mill-attur Carmel sive Lino Farrugia bħala Kap Eżekuttiv u hija waħda mill-persuni li ħassitha aggravata bil-pubblikazzjoni mertu tal-azzjoni.

Illi stabbilit li fost il-persuni aggravati f’dan il-każ insibu lill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), il-Qorti trid tibda biex tistabbilixxi jekk ġewx

[2] Ara xhieda bl-Affidavit ta’ Lucas Micallef.
[3] Minn hawn ‘il quddiem issir referenza għaliha wkoll bħala FKNK.

ippruvati l-kriterji stabbiliti mil-liġi għall-azzjonabilita' tal-allegat malafama minn din l-entita'.

Il-konvenut, fir-raba' eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tiegħu, laqa' għall-azzjoni billi esiġa li titressaq il-prova li l-istqarrija tiegħu hija diffamatorja u li kkawżat jew setgħet tikkawża ħsara serja fil-konfront tal-atturi.

L-artikolu 3(4) tal-Att jipprovdi li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna li tħossha aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

Ġie allegat li d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi d-deċiżjoni biex il-Ponta tal-Qawra tiġi dikjarata bħala riżerva naturali kienet parti mill-ftehim li l-FKNK ikkonkludiet mal-Gvern dwar l-amministrazzjoni tas-siti tal-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa, timplika li hija aġixxiet kontra l-interessi tal-kaċċaturi membri tagħha u tradiethom billi ċaħħdithom milli jibqgħu jipprattikaw id-delizzju tagħhom f'dik iż-żona, mentri dan mhux minnu. L-atturi jsostnu li l-FKNK qatt ma nnegozjat mal-Gvern jew aċċettat jew kienet b'xi mod involuta fid-deċiżjoni biex is-sit magħruf bħala l-Ponta tal-Qawra tiġi dikjarata bħala riżerva naturali.

L-uffiċjali tal-FKNK xehdu illi mhux talli l-Federazzjoni qatt ma aċċettat id-deċiżjoni tal-Gvern li ż-żona tal-Ponta tal-Qawra ssir rizerva naturali, talli kienu insistew mal-Ministru biex din tibqa' miftuħa għall-kaċċa. Tant hu hekk illi l-Federazzjoni kienet anke ħarġet stqarrija għall-istampa fejn ipprotestat id-deċiżjoni tal-Gvern u esprimiet in-nuqqas ta' qbil u tħassib tagħha fir-rigward. Xehdu wkoll li l-ħsara li sofriet l-FKNK tikkonsisti wkoll fil-potenzjal li t-tesserati tagħha li jħossuhom traduti bl-insinwazzjoni li saret fl-istqarrija tal-konvenut, jiddeċiedu li jaqilbu t-tessera tagħhom mal-għaqda tal-Kaċċaturi San Ubertu, li hija l-unika għaqda oħra tal-kaċċaturi u

nassaba li magħha jistgħu jabbonaw biex jiksbu u jżommu liċenzja tal-kaċċa jew insib. Ħsara li, skont l-atturi, hi aggravata bil-fatt illi l-konvenut huwa l-President ta' din l-għaqda l-oħra u li ppubblika d-dikjarazzjoni malafamanti bl-intiża li jiżvija lill-pubbliku biex jaħseb li l-FKNK aġixxiet bi tradiment tal-interessi tal-membri tagħha.

B'mod speċifiku, l-attur Lino Farrugia, li huwa wkoll il-*financial controller* tal-Federazzjoni, xehed illi l-*audited accounts* tal-FKNK urew li in segwitu għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata, kien hemm tnaqqis fit-tesseri li sarraf f'telf ta' introjtu tal-Federazzjoni.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-kontijiet awditjati li semma l-attur Lino Farrugia fix-xhieda tiegħu, liema kontijet kellhom jaffermaw konklussivament dan it-telf fid-dħul tal-Federazzjoni in segwitu għall-pubblikazzjoni tal-kumment impunjat, baqgħu ma ġewx prodotti fl-atti proċesswali biex juru li l-allegat telf finanzjarju huwa wieħed serju skont kif tesiġi l-liġi fl-artikolu 3(4) tal-Att għall-prova ta' ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt.

Iżda hawnhekk jiġi osservat illi li ġie effettivament eskluż mix-xhieda tal-attur Lino Farrugia illi l-Federazzjoni hi korp li topera għall-profitt u dan meta huwa kkonferma li għalkemm id-dħul tal-Federazzjoni tiġi biss mill-ħlas tat-tesseri, hija ma tagħmilx qligħ għaliex hija *non-profit making* għaliex ma toperax biex tiġġenera profitti u ma tistax tagħmel l-qligħ.

Fil-fatt, jirriżulta mill-provi illi l-FKNK hija għaqda non-governattiva li tħaddan fiha membri li huma kaċċaturi u nassaba u hi regolata bi statut. Jirriżulta wkoll illi l-assoċjazzjoni jew abbonament f'għaqda bħal din hi mandatorja għal min irid jikseb liċenza għall-kaċċa u l-insib u l-membri jħallsu miżata. Il-Qorti fehmet ukoll li l-uniċi żewġ għaqdiet volontarji li huma rikonoxxuti f'Malta u Għawdex bħala rappreżentattivi tal-kaċċaturi u nassaba huma l-FKNK u l-Għaqda Kaċċaturi San Ubertu li tagħha l-konvenut Mark Mifsud Bonnici huwa l-President.

Għandu jingħad illi l-għan tal-azzjoni għal malafama hu l-vindikazzjoni tal-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara[4]. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-persuna aggravata b'dawn l-istqarrijiet la hi persuna naturali, ċioe' ċittadin privat jew persuna pubblika li soffriet ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u lanqas m'hi korp li jopera għal profitt. Il-liġi tal-malafama tapplika għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ - anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp - biex jiġi tutelat is-suċċess kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati tagħhom. Dan qed jingħad għaliex korp ma jistax isofri ħsara fir-relazzjonijiet soċjali tiegħu jew ħsara emozzjonali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet malafamanti iżda jista' jsofri ħsara biss f'termini finanzjarji ċioe' fit-tnaqqis fil-valur tal-assi, inkluż *goodwill* tal-korp liema tnaqqis issarraf fl-aħħar mill-aħħar f'telf ta' profitti.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iresssqu azzjoni għal malafama:-

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities: any non-natural person that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose, will be covered.* ***Thus, charities may fall within the provision, in so far as they are involved in trade for profit, as may non-governmental organisations, trade unions and employers' associations, and public bodies****. Governmental and some other bodies performing public functions are prevented completely from suing for defamation and s.1(2)*[5] *does not change the law in this respect.*"[6]

---

[4] Blackstone, fil-kummenti tiegħu dwar il-liġi tal-malafama taħt id-Defamation Act UK (2013), jgħid illi similment għall-pożizzjoni taħt id-dritt komuni:- "*... a statement must surely still have the effect of lowering the claimant in the estimation of 'right thinking members of society generally' if it is to be defamatory*". - Blackstone's Guide to the Defamation Act 2013. (Oxford University Press, 2013) - 2.42, page 22.

[5] Ekwivalenti għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

[6] Intqal ukoll, iktar riċentement illi jekk il-kummerċ eżerċitat minn istituzzjoni tal-karita' jew organizzazzjoni non-governattiva jikkostitwixxi biss parti żgħira tal-operat tal-korp u tal-iskop iktar wiesa' tal-attivitajiet tiegħu u

Collins, min-naħa tiegħu, jaqbel ma' dan u jsostni illi "*Unincorporated trade and professional associations have no standing to sue for defamation either in their own names or in the names, whether individually or collectively, of their members. Individual members of an association may bring a defamation action in their own names if a publication about the assocation is of and concerning them ....*

...

*In appropriate cases, defamatory material of and concerning a body which cannot maintain a cause of action for defamation may be actionable at the suit of an individual, if that individual is, to some or all ordinary recipients the defamatory matieral, synonymous with that body*."[7]

Il-ħsieb wara dan l-insenjament huwa mfisser hekk minn Gatley:-

"*What seems clear is that the requirement that serious financial loss must be caused or be likely, recognises that such bodies, unlike human beings, can only be damaged in their pocket and consequently an injury must sound in money*."[8]

Għalhekk, fejn il-korp ma joperax għal profitt, ma jistax ibati telf finanzjarju. Kif stabbilit, il-Federazzjoni m'hijiex entita' kummerċjali jew korp li jopera għal profitt u ma jirriżultax li għandha *goodwill*, ishma jew assi oħrajn b'valur kwantifikabbli li jista' jsofri deprezzament f'termini monetarji u jwassal allura għal telf jew diminuzzjoni fil-finanzi tiegħu minħabba l-pubblikazzjoni xi stqarrija malafamanti. Magħdud dan il-fatt illi għalkemm l-attur Lino Farrugia xehed illi l-kontijiet tal-Federazzjoni wrew li d-dħul tagħha naqas wara l-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata, billi din hija, *ex admissis*, *non-profit making* u ma tistax tiġġenera qligħ,

---

ma jkunx eżerċitat bl-iskop tad-distribuzzjoni tal-profitti lill-azzjonisti jew il-membri, dan ukoll ikun biżżejjed biex jirradika l-locus standi tal-korp għall-fini ta' azzjoni għal malafama.

[7] Collins, *ibid*. 2.16 p. 27.

[8] Gatley, *ibid.* Second Supplement to 12th Ed. (2017) 2.8, p. 13.

ma tistax issofri dak it-telf finanzjarju li huwa fil-mira tal-artikolu 3(4) tal-Att għaliex il-ħsara lir-reputazzjoni ma ssarrafx u ma tistax issarraf fi ħsara fil-but tagħha[9].

Dan il-fatt fih innifsu jeskludi b'mod definittiv il-*locus standi* tal-FKNK biex tmexxi 'l quddiem azzjoni għal malafama taħt l-Att għaliex il-kriterju ta' telf finanzjarju serju ma jista' qatt jiġi sodisfatt fir-rigward ta' korp, għaqda jew organizzazzjoni li ma toperax għal profitt[10]. Konsegwentement, billi l-Federazzjoni ma tistax titqies li għandha reputazzjoni li tista' tiġi skreditata moralment f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, ma hemm ebda skop għat-tutela tar-reputazzjoni taħt il-liġi tad-diffamazzjoni.

Għaldaqstant, anke jekk kellu jirriżulta li d-dikjarazzjoni pubblikata mill-konvenut tassew twassal imputazzjoni li hi diffamatorja għall-Federazzjoni, din m'hijiex azzjonabbli minnha taħt l-Att.

Ikkunsidrat;

Kif ingħad qabel, l-azzjoni odjerna ġiet istitwita wkoll mill-atturi Lino Farrugia u Joe Perici Calascione f'isimhom proprju. Fix-xhieda tagħhom, jispjegaw illi huma kienu dehru in rappreżentanza tal-FKNK fil-kapaċita' tagħhom dak iż-żmien ta' Kap Ezekuttiv u President rispettivament, fuq il-ftehim ('*Agreement on Management and Operation of the Miżieb and Aħrax Areas*')[11] u fuq il-Memorandum of Understanding ('*MOU for the Conservation of the Natural Environment of l-Aħrax l/o Mellieħa amd il-Miżieb*')[12] li bis-saħħa tiegħu il-Gvern ossia l-Awtorita' tal-Artijiet appuntat lill-Federazzjoni bħala l-gwardjan u operatur esklussiv taż-żewġ żoni msemmija taħt l-obbligu *inter alia* ta' immaniġġjar u manutenzjoni ordinarja u bi dritt ta' aċċess liberu għas-siti, fost jeddijiet u obbligi oħrajn elenkati fiż-żewġ skritturi.

---

[9] Barra dan il-fatt illi ħadd ma xehed biex ifisser kif in-nuqqas ta' tesserati tista' tiddanneġġja l-operat tal-Federazzjoni u tikkawża telf finanzjarju li huwa serju u fi kwalsiasi każ, kif diġa' ġie osservat, ma ġewx prodotti l-kontijiet finanzjarji biex tiġi sostanzjata l-allegazzjoni ta' telf finanzjarju.

[10] It is suggested that the better view may be that if the activities of a charoty or similar organisation include trading for profit they should be treated as falling within s.1(2).

[12] It-tnejn datati 9 ta' Ottubru 2020, Dok. A u Dok. B esebiti mal-affidavit ta' Lino Farrugia.

L-attur Joe Perici Calascione ma kienx għadu jokkupa l-pożizzjoni ta' President tal-FKNK fiż-żmien meta ġiet istitwita l-azzjoni odjerna f'liema żmien iżda, kien qed jokkupa l-kariga ta' konsulent amministrattiv tal-Federazzjoni. M'huwiex ċar jekk jekk kienx għadu jokkupa l-kariga ta' President fiż-żmien tal-pubblikazzjoni.

L-istqarrija li qed tiġi impunjata f'din il-kawża, pubblikata mill-konvenut, hija s-segwenti:- "*li ssir riserva il-ponta tal-Qawra kien parti mill-ftehim tal-gvern mal-FKNK meta ingħataw il-Miżieb u l-Aħrax. Kemm qegħdin sew!!*"

L-atturi fix-xhieda tagħhom, isostnu li l-imputazzjoni li titnissel minn din id-dikjarazzjoni hija waħda diffamatorja fil-konfront tagħhom personalment għaliex timplika li l-uffiċjali tal-FKNK li nnegozjaw u ffirmaw il-ftehim dwar il-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa (i) aċċettaw id-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ambjent li s-sit tal-Ponta tal-Qawra jiġi skedat mill-Gvern bħala riżerva naturali bħala kundizzjoni tal-għoti tar-responsabbilita' għall-amministrazzjoni ambjentali taż-żoni tal-Aħrax u l-Miżieb lill-FKNK, u (ii) ikkomplottaw kontra l-interessi tal-membri tal-FKNK stess u tradewhom għaliex kienu kompliċi f'deċiżjoni li waqfet lill-kaċċaturi milli jkomplu jipprattikaw id-delizzju tagħhom fil-Ponta tal-Qawra.

Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja ta' diffamazzjoni illi l-imputazzjoni diffamatorja għandha tinftiehem minn persuna raġjonevoli mingħajr wisq sforz u tiġbid. Jinsab ritenut illi għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available (3) over-elaborate analysis is best*

*avoided. (4) the intention of the publisher is irrelevant. ... (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation ...' (8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense."* [13]

Fil-fehma tal-Qorti, l-allegazzjoni tal-konvenut li d-deċiżjoni li l-Ponta tal-Qawra ssir riżerva naturali kienet parti mill-ftehim konkluż fejn il-Gvern u l-FKNK, ma tinftiehmx, raġjonevolment, bħala waħda li twassal imputazzjoni ta' xi kondotta ħażina da parti tal-FKNK u jew l-uffiċjali tagħha. It-tifsira diffamatorja m'hijiex stabbilita mir-rejazzjonijiet tal-pubbliku għall-pubblikazzjoni impunjata iżda permezz ta' eżerċizzju li jistabbilixxi x'inhi l-imputazzjoni li raġjonevolment titnissel u tinftiehem minn persuna ordinarja u raġjonevoli li jaqra l-pubblikazzjoni mingħajr għarfien ta' fatti speċjali u estrinsiċi li ma jirriżultawx mill-pubblikazzjoni nnifisha.

"*.... what imputation is conveyed by any particular words is to be determined on an objective test, that is, by the meaning in which the ordinary reasonable person would understand them, and is not to be determined by what the defendant intended to convey. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of defamation.'*"[14]

Applikat l-insenjament fuq ċitat, il-Qorti hi tal-fehma li huwa minnu li l-istqarrija tal-konvenut raġjonevolment tinftiehem bħala dikjarazzjoni li l-FKNK jew l-uffiċjali tagħha qablu jew aċċettaw li bħala kundizzjoni tal-għoti tal-immaniġjar taż-żoni tal-Mizieb u l-Aħrax, żona fejn qabel kienet permessa l-kaċċa tiġi skedata bħala rizerva naturali. Iżda ma taqbilx li imputazzjoni bħal din fiha nnifisha hi diffamatorja,

---

[13] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA.

[14] Gatley, *ibid.* 3.15, p. 117. Ukoll: *"As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible. What the publisher intended to convey by the statement is equally irrelevant in determining the imputations in fact conveyed.* - **Baturina v. Times Newspapers Ltd** [2011] EWCA Civ. 308.

għaliex m'hijiex kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi Joe Perici Calascione u Lino Farrugia personalment.

In kwantu għat-tieni imputazzjoni li skont l-atturi titnissel mid-dikjarazzjoni impunjata, ċioe' li l-uffiċjali tal-FKNK innegozjaw jew ikkonfoffaw mal-Gvrn bi ħsara tal-interessi tal-membri tagħhom u b'hekk tradewhom, il-Qorti ma taqbilx li din hija waħda li hija rejalistika u oġġettivament riskontrabbli u li tinftiehem mill-qarrej ordinarju u raġjonevoli minn qari tad-dikjarazzjoni. Tifsira bħal din ma jistax raġjonevolment jasal għaliha min jaqra d-dikjarazzjoni b'mod oġġettiv, iżda biss bi sforż u tiġbid mhux naturali.

Ukoll, meta tiġi moqrija oġġettivament, u mhux mill-ottika soġġettiva tal-atturi bħala uffiċjali tal-FKNK, li hija għaqda kompetitriċi tal-għaqda li tagħha l-konvenut huwa l-president, id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma tattribwixxi lill-atturi Lino Farrugia u Joseph Perici Calscione personalment, ebda imputazzjoni ta' kondotta ħażina, immorali, diżonesta jew nieqsa mill-etika fir-rappreżentazzjoni tagħhom tal-FKNK b'mod li tikkaġunalhom ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom jew ta' wieħed minnhom.

Biex titqies bħala waħda diffamatorja, l-imputazzjoni trid tinftiehem b'mod diffamatorju mhux biss minn settur wieħed jew iktar tas-soċjeta' jew minn klassi partikolari ta' qarrejja jew udjenza, iżda mis-soċjeta' in ġenerali. Miżmum ferm dan, il-Qorti ma taqbilx li d-dikjarazzjoni tal-konvenut li d-deċiżjoni li l-Ponta tal-Qawra ssir riżerva naturali kienet parti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-FKNK, tista' tinftiehem mill-qarrej ipotetiku, rappreżentattiv tan-normi tas-soċjeta' in ġenerali – diversament mis-settur magħmul mill-kaċċaturi - bħala imputazzjoni ta' aġir diżonest, qarrieqi jew żlejali da parti tal-FKNK u jew l-uffiċjali tagħha. **Fil-fehma tal-Qorti,** ***right-thinking members of the public*** **jifhmu u japprezzaw l-importanza li jintlaħaq bilanċ u kompromess bejn interessi kunfliġġenti bħal dawk ta' kaċċaturi fuq naħa l-waħda u l-konservazzjoni tal-ambjent fuq in-naħa l-oħra**. Għalhekk, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-imputazzjoni mfissra mill-atturi li l-FKNK ikkonfoffat mal-gvern u aċċettat bħala kundizzjoni espressa tal-ftehim dwar l-

amministrazzjoni tal-Miżieb u l-Aħrax, li l-Ponta tal-Qawra tiġi dikjarata rizerva naturali, effettivament titnissel mid-dikjarazzjoni impunjata, din ma tinftiehemx neċessarjament f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali bħala imputazzjoni ta' tradiment u aġir żleali fil-konfront tal-membri tal-FKNK u kwindi bħala waħda diffamatorja[15].

Illi b'żieda ma' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma wkoll li l-atturi Lino Farrugia u Joe Perici Calascione m'humiex identifikati suffiċjentement fil-pubblikazzjoni impunjata. Kif inhu risaput, għas-suċċess kif ukoll l-azzjonabilita' tal-azzjoni għal malafama jeħtieġ ukoll li l-persuna aggravata tkun identifikata b'isimha fid-dikjarazzjoni impunjata jew jiġi riskontrat inferenza li torbot lill-persuna aggravata mal-istqarrija impunjata. Naturalment, jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid hekk:

"*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to. Any damages award in such a case needs to take into account that not every person to whom the statement was published will necessarily have understood it to be of and concerning the claimant.*"[16]

Meta l-persuna hija msemmija b'isimha f'dikjarazzjoni malafamanti, hija b'hekk identifikata lil dawk kollha li lilhom tiġi ppubblikata dik l-istqarrija u huwa irrelevanti l-fatt li r-reċipjenti tal-istqarrija ma għandhom l-ebda għarfien tal-persuna aggravata. Iżda meta l-persuna aggravata m'hijiex imsemmija b'isimha fl-istqarrija impunjata u jeħtieġ li l-qarrej ikollu għarfien dwar xi fatt estrinsiku għall-pubblikazzjoni biex ikun f'pożizzjoni li jidentifika lill-persuna aggravata, jinkombi lill-attur iressaq prova mhux

---

[15] Ara fuq dan il-ħsieb, Rufus v. Elliott (2015) EWHC 807 (QB).
[16] Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins QC. 5.08, p. 107.

biss tal-persuni li identifikawh mill-pubblikazzjoni, iżda wkoll tal-fatti l-oħra li jikkostitwixxu l-għarfien speċjali. F'kull każ iżda, it-test jibqa' wieħed oġġettiv: jekk il-persuna ordinarja u raġjonevoli b'għarfien tal-fatti speċjali u fil-kategorija tal-persuni li lilhom tiġi pubblikata l-istqarrija impunjata, ikunu fehmu raġjonevolment li l-pubblikazzjoni tirreferi lill-persuna mhux imsemmija b'isimha.

"*The test is whether there is 'something in the defamatory matter or in the circumstances in which it is published, which indicates, and enables a jury to find, that particular individuals are defamed, although they are not named.*"[17]

Applikat dan l-insenjament għad-dikjarazzjoni fil-mira ta' din il-kawża, il-Qorti ma taqbilx li din hija dwar jew tikkonċerna lill-atturi Lino Farrugia u Joe Perici Calascione jew xi wieħed minnhom. Huwa minnu illi kienu l-istess atturi li rrappreżentaw lill-FKNK fuq iż-żewġ skritturi li ġew konklużi mal-Gvern in konnessjoni mal-amminstrazzjoni taż-żoni tal-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa, iżda għalkemm l-FKNK hi identifikata b'isimha fid-dikjarazzjoni, **din ma tidentifikax lill-uffiċjali tagħha bl-ebda mod u wisq inqas tattribwixxi xi imputazzjoni speċifika ta' kondotta ħażina, immorali, diżonesta jew nieqsa mill-etika da parti tal-uffiċjali li rrappreżentaw lill-FKNK fil-materja tal-ftehim dwar iż-żoni tal-Aħrax u l-Miżieb**.

Fuq kollox il-fatt illi, kif ingħad qabel, biex il-qarrej ordinarju u raġjonevoli jkun f'pożizzjoni li jidentifika lill-persuna aggravata li m'hijiex imsemmija b'isimha fil-pubblikazzjoni impunjata, jinkombi lill-persuna aggravata tressaq prova mhux biss li persuna ordinarja armata bl-għarfien tal-konnessjoni tal-atturi mal-pubblikazzjoni seta' raġjonevolment jagħrafha bħala l-persuna li għaliha saret referenza, iżda wkoll tal-fatti l-oħra li jikkostitwixxu l-għarfien speċjali.

Collins jgħid: "*Evidence of the extrinsic facts which constitute the special knowledge should also be adduced. The test, however, is an objective one: whether the ordinary*

[17] **Knupffer v. London Express Newspaper Ltd** (1944) AC 116 (HL), p. 119-121.

*reasonable person with knowledge of the extrinsic facts, and in the class of persons to whom the statement is published, would have reasonably understood the publication to refer to the unnamed person.*"[18]

Fir-rigward, Gatley[19] jikkummenta hekk:-

"*Where the libel does not 'ex facie' refer to the claimant ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant.*"[20]

Fid-deċiżjoni reċenti fil-każ **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB), intqal b'mod speċifiku illi f'każ ta' *legal innuendo*, l-osservanza tal-prinċipju li l-persuna aggravata trid tispeċifika l-persuna li taf il-fatti speċjali "*that would lead them to identify the claimant as the subject was of particular importance*".

Iżda provi fir-rigward ma nġiebux mill-atturi. Għalkemm Lucas Micallef xehed illi diversi persuni ikkummentaw dwar id-dikjarazzjoni tal-konvenut filwaqt li Lino Farrugia xehed li kien hemm diversi persuni li "*bdew iduru kontra l-FKNK*", il-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti u l-provi proċesswali li juru li talanqas persuna waħda identifikat lill-atturi Lino Farrugia u Joe Perici Calascione jew xi wieħed minnhom bħala l-uffiċjali tal-FKNK li ffirmaw il-ftehim tal-Aħrax u l-Miżieb u li l-pubblikazzjoni impunjata tirreferi għalihom għad illi mhux imsemmija b'isimhom. Kif stabbilit diġa', il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-atturi illi l-pubblikazzjoni

---

[18] *Ibid.* 5.09, p. 108.

[19] Gatley jgħid ukoll illi "*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning.*" - On Libel and Slander - Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll **Barron v. Collins** (2015) EWHC 1125 (QB). Ikompli: "*If words conveyed a defamatory imputation to those to whom they were published, but would not have done so to the hypothectical reasonable person in that position, they are not defamatory. ... It is true that the claimant may, by pleading an innuendo, show that the words are defamatory by reason of some special fact outside the statement itself and known to those to whom it was published, and that evidence is admissible as to the sense in which they understood it, but even here the question is the sense which a reasonable person with that knowledge would have given to the words.*" *Ibid.* – 3.16, p. 120/121.

[20] Gatley, *ibid.*, Second Supplement to the 12th Edition, 2017, para. 7.3A, p. 66.

impunjata timplika li l-uffiċjali tal-FKNK kienu qed jikkomplottaw kontra l-membri tal-FKNK stess.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan kollu, il-Qorti ma tistax tonqos milli żżid ukoll illi fi kwalsiasi każ, anke jekk kellu jiġi aċċettat li d-dikjarazzjoni impunjata twassal l-imputazzjonijiet li fissru l-atturi Joe Perici Calascione u Lino Farrugia fix-xhieda tagħhom, jonqos il-prova tal-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.

Dan ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama u jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248).

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[21]

Il-Qorti tqis li l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi li mxew b'din l-azzjoni f'isimhom proprju, huwa mankanti għaliex naqsu b'mod assolut milli juru l-firxa tal-pubblikazzjoni u li d-dikjarazzjoni tal-konvenut ġie pubblikat lil u waslet għand numru sostanzjali ta' persuni biex tkun kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom.

[21] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39. Emfasi tal-Qorti.

Fil-każ **Yeo v. Times Newspapers Limited** (2015) EWHC 2132 QB, Warby J. qal hekk:-

"*The essential issues for determination at a trial, on the pleaded case as it stands, will be ... (b) is the number of such readers sufficient to make the publication on 23 June a real and substantial tort?*"

Fil-każ appena ċitat, il-Qorti ġibdet inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja mill-fatt illi din saret f'gazzetta nazzjonali b'ċirkolazzjoni sostanzjali u mill-fatt illi l-artikoli impunjati kienu ngħataw prominenza.[22]

Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-istqarrija ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa (mass media) ċioe' fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq *online news portal* fejn l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat u teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv u fejn, allura, ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni. L-istqarrija ġiet ippubblikata fuq il-paġna fuq Facebook ta' ċertu Patrick Spiteri, persuna li baqgħet injota lill-Qorti għaliex ma jirriżultax mill-provi li għandu xi status importanti fis-soċjeta' u lanqas x'konnessjoni għandu mal-Federazzjoni u jew mal-atturi personalment.

Fiċ-ċirkostanzi, l-atturi kellhom l-oneru li juru illi dawn id-dikjarazzjonijiet ġew ippubblikati lil udjenza sinjifikanti, jew lil klassi ta' persuni li għad ta' numru żgħir, l-effett tad-dikjarazzjoni jkun ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom. Iżda ma nġiebet ebda prova dwar in-numru ta' persuni li kienu jsegwu l-profil ta' Patrick Spiteri fuq Facebook dak iż-żmien, biex jintwera li l-istqarrija impunjata ġiet ippubblikata lil numru sostanzjali ta' persuni. Prova bħal din fil-fehma tal-Qorti hija determinanti għall-prova tal-kriterju tal-ħsara serja ċioe' l-prova li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija

[22] Gatley, Second Supplement to the 12th Ed. (2017) - 7.3 p. 66/67.

allegament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi jew xi ħadd minnhom.

Speċifikatament, il-Qorti ma riskontrat ebda prova fl-atti proċesswali li turi li dan il-profil hu wieħed pubbliku jew li Patrick Spiteri għandu numru mdaqqas ta' "friends" fuq Facebook u speċifikatament li l-kumment tal-konvenut inqara minn numru sostanzjali ta' persuni. In mankanza ta' prova bħal din, il-Qorti ma tistax tinferixxi li din id-dikjarazzjoni waslet għall-attenzjoni jew ġew ċirkolati b'mod estensiv b'mod li hija ppruvata pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanza l-allegazzjoni li l-atturi sofrew ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni.

Gatley jgħid ukoll in propositu illi *"... a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation* ***but also because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal****."*[23]

Il-Qorti tqis illi n-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq Facebook u pjattaformi oħrajn ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali iżda f'każ ta' pubblikazzjoni fuq mezz bħal dan irid jintwera illi l-pubblikatur għandu udjenza estensiva għaliex jekk ma jintweriex li l-istqarrija impunjata waslet għand firxa wiesa' ta' qarrejja jew li rċieva numru konsiderevoli ta' *likes* jew *views* – ħaġa li tista' tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali - dan jista' jkun ostakolu għall-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni. F'dan il-każ izda l-atturi ma ressqu ebda prova li l-istqarrija tal-konvenut ġie pubblikat lil xi numru sinjifikanti ta' qarrejja jew kien ċirkolat b'mod estensiv biżżejjed biex jgħodd bħala prova ta' pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanzja l-

[23] *Ibid.* 2.6, note 56 (Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition), page 11. Emfasi tal-Qorti. Jgħid ukoll:- "*While it is the case at common law that substantial damages should be awarded even where on the evidence it is shown that the claimant has suffered limited damage or no damage at all, the requirement in s1(1) that serious harm to reputation be proved as a condition of actionability, means that cases were there is little tangible evidence or likelihood thereof will usually fail.*" – 2017 Second Supplement – 3.6 p. 23.

allegazzjoni li l-atturi sofrew ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni in diżamina.

Fid-deċiżjoni ċelebri **Lachaux v. Independent Print Limited** (2017) EWCA Civ. 1334 il-Qorti tal-Appell trattat l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-kliem impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjoni serja ma jintlaħaqx, per eżempju fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegat malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perkolata u li naqqset l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn.

Dan in-nuqqas fil-fehma tagħha għandu jitqies bħala ostakolu fondamentali għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni f'dan il-każ.

**Għal għal motivi kollha, filwaqt li qiegħda tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba" eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, qiegħda tiċħad it-talba fir-Rikors ta' Lucas Micallef bħala President għan-nom u in rappreżentanza tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, ta' Carmel sive Lino Farrugia f'ismu proprju u bħala Kap Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, u ta' Joe Perici Calascione f'ismu propju u bħala eks-President tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**